MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2014

Mandat Numru. 662/2014/1

**Borg Conrad**

**vs**

**De La Rue Currency & Security Print Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Conrad Borg li, ghar-ragunijiet fih premessi, talab lil din il-Qorti zzomm lill-intimati milli jkomplu bil-proceduri ta’ dixxiplina u kwalsiasi proceduri ohra ancillari u relatati kontrih u fil-konfront tieghu.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha precedenti fejn it-talba tar-rikorrenti ntlaqghet b’mod provizorju.

Rat it-twegiba ta’ De La Rue Currency and Security Print Limited u ta’ Kenneth Cortis li in forza taghha ghar-ragunijiet fiha mfissra sostnew li t-talba ta’ Conrad Borg ghandha tigi michuda.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 li jipprovdi illi:

*(1) L-iskop tal-mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti m’ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Minn dan johrog li z-zewg rekwiziti li jinhtieg li jigu pruvati fi procedura ta' din ix-xorta huma d-dritt *prima facie* ta' min jitlob il-hrug tal-mandat flimkien mal-pregudizzju li jsofri jekk il-mandat ma jintlaqax.

Ikkunsidrat illi doveruz ghall-Qorti tenfasizza li, fil-proceduri ta' din ix-xorta, il-Qorti tillimita ruhha ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, b'dana li ezami profond tal-mertu tal-lanjanza jibqa' essenzjalment rizervat ghal dik il-Qorti li tigi adita eventwalment bil-kawza.

Jirrizulta illi r-rikorrenti jinsab ghaddej minn proceduri dixxiplinari mibdija fil-konfront tieghu mis-socjetà intimata li timpjegah. L-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu huma serjissimi, tenut kont tan-natura tal-kummerc li tezercita s-socjetà intimata u kif ukoll peress li uhud minnhom jekk pruvati, jistghu jkollhom konsegwenzi penali.

Id-dritt ta' impjegat ghal trattament gust fi proceduri dixxiplinari fil-konfront tieghu huwa indiskuss. Kull procedura ghandha ssegwi skrupolozament id-dettami tal-gustizzja naturali. Tkeccija mill-impjieg tista' titqies "unfair dismissal" ghal ragunijiet indipendenti mill-agir li ta' lok ghaliha, izda sempliciment ghaliex il-proceduri li wasslu ghal tkeccija kienu minnhom infushom vizzjati (Ara Chircop vs Awtorità Marittima):

*"L-ingustizzja tkun tohrog propju mill-fatt li ma jkunx gie rispettat dritt fondamentali tal-impjegati - lezjoni din li tista' wkoll eventwalment taghti lok, ghal rimedju kostituzzjonali".*

Il-Qorti ezaminat il-proceduri li ssegwi l-intimata f'kazijiet ta' dixxiplina. Mad-daqqa t'ghajn din il-Qorti tqis li dawn huma mankanti fil-harsien tal-principji ta' gustizzja naturali. L-impjegat qieghed jintalab jaghmel dikjarazzjonijiet, dan meta uhud mill-akkuzi, kif inghad, jistghu jammontaw ghal reati kriminali. L-ghajnuna legali li huwa permess jottjeni qed tinghata lilu bhala "koncessjoni" biss, dan li mhuwiex qed jigi bl-ebda mod koncess lilu d-dritt ta' assistenza legali. Inoltre, jidher illi l-proceduri adoperati ma jaghtuhx permess li jikkontro-ezamina xhieda migjuba fil-konfront tieghu, tant illi jistghu jingiebu ukoll xhieda "anonimi". Dan kollu, maghdud mal-fatt li l-Bord ta' Dixxiplina huwa maghmul minn impjegati tal-istess socjetà ma jserrahx mohh il-Qorti li l-principji ta' gustizzja naturali qed jigu osservati. L-intimati jsostnu li, galadarba, f'ezitu negattiv ghalih, ir-rikorrenti ghandu l-possibilità li jirrikorri ghat-Tribunal Industrijali, il-pregudizzju, jekk jezisti, m'huwiex irrimedjabbli. Dan l-argument, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jregix. L-ewwelnett il-Qorti ma tqisx li l-ligi tesigi li l-pregudizzju jkun irrimedjabbli. Ukoll, tenut kont tas-serjetà tal-akkuzi migjuba fil-konfront tar-rikorrenti, huwa evidentement ghaqli li jigi evitat kull pregudizzju prevedibbli.

L-intimat jsostnu ukoll illi l-procedura adoperata hija dik maqbula fi ftehim kollettiv u uzata wkoll f'pajjizi ohra fejn is-socjetà intimata topera. Din il-Qorti tqis li dan ma jfissirx li tali procedura ma tistax tkun mankanti u jekk tinstab definittivament li hija, impjegat ghandu jkollu l-protezzjoni tat-tribunali ta' pajjizu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba kontenuta fir-rikors ta' Conrad Borg datat 30 ta' April 2014.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------